MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 34/2014

**Mirage Holdings Ltd C6808**

**vs**

**Miriam Debono f'isimha proprio u ezercenti n-negozju**

**bhala l-Kantuniera Household**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti fit-3 ta’ Frar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u sitta u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€6,966.39) kwantu ghal hamest elef disa’ mija u wiehed u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€5,961.39), prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjsata, kwantu erba’ mija u hames ewro (€405) bhala interessi kummercjali.

Bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi nhar il-21 ta’ April 2014 il-konvenuta ipprezentat nota ta’ ammissjoni liema nota giet moqrija fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2014.

**Ghaldaqstant il-Qorti, abbazi tan-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuta, qieghda tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ sitt elef, disa’ mija u sitta u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€6,966.39) u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.**

**L-interessi fuq din is-somma ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum. Tordna wkoll li l-konvenuta thallas l-ispejjez ta’ din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------